NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

*Mejju - Gunju 1992* *Nru. 66*

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# IL-"JIGSAW PUZZLE" U AĦNA

Darba waħda kien hemm biċċa kartuna ta' "Jigsaw Puzzle" li kienet iżżerżqet wara *fridge*. Kienet tixbaħ raġel qsajjar, qisu bil-ħotba; imlewwna b'ħafna kuluri l-ġmiel tagħhom: aħmar, blu, abjad u isfar.

Kienet ilha mitlufa hemmhekk bosta u bosta xhur, tant li kienet insiet x'inhi! Kultant kienet tittawwal minn wara l-*fridge* u kienet tħares madwarha. Innotat li kull ħaġa li kellha quddiemha kienet definita tajjeb: il-mejda kienet mejda, is-siġġu kien siġġu, saħansitra l-qattus kien qattus. Imma hi x'kienet? Ma tafx......... Minħabba f'hekk iddeċidiet li titlaq u tara hijiex kapaċi twieġeb għal din il-mistoqsija.

B'dawk is-saqajn tondi tondi tagħha hija ħarġet iddur u tfittex.

Għalkemm kienet issejjaħ lilha nnifisha "biċċa", ttendiet li xejn ma kienet tixbaħ lill-biċċa ġebla li rat f'għadira, u l-anqas biċċa tafal li rat mal-ġenb tat-triq,..........Wara li mxiet ħafna, waqfet tistrieħ ħdejn bċejjeċ ta' flixkun imkisser.

Kien għaddej minn hemm wieħed tifel bil-bicycle. F'daqqa waħda......"pluff", it-tyre infaqa' u niżel. Kien rifes biċċa ħġieġa. It-tifel gerger tnejn u niżel mill-bicycle u waqt li miel lejn l-art biex jara eżatt x'kien ġara, jilmaħ dik il-"biċċa" tal-Jigsaw Puzzle. Ħatafha mill-art u telaq jiġri biha lejn id-dar igħajjat: "Mama', Mama' ! Sibtha fl-aħħar. Sibt il-biċċa tal-Jigsaw Puzzle li tlift żmien ilu.

Wara ftit waqtiet, din il-"biċċa" jigsaw sabet ruħha mgħannqa ma' ħutha l-oħrajn. Ilkoll laqgħuha u ħaddnuha magħhom. Din il-"biċċa" malajr fehmet li t-tfittxija li kienet qed tara biex tara min kienet, issa intemmet. Issa fehmet ukoll x'kienu dawk il-kuluri li kellha fuq daharha: l-isfar u l-blu kienu parti mill- wiċċ ta' tigra, l-aħmar u l-abjad kienu parti mill-ħalq imċarrat tat-tigra. Il-biċċiet kollha kienu jiffurmaw tigra mill-isbaħ fil-qalba tal-ġungla.

"Merħba bik!" qalulha sħabha l-oħra. "Kemm ilna nistennewk. Veru ħassejna n-nuqqas tiegħek!"

*ikompli f'paġna 2*

## SETT ĠDID TA' PJANETI GĦALL-FESTA



*Parti mir-rakkmu li qed isir fl-istoluni tal-pjaneti.* (Ritratt: Carmel Cremona)

Fil-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju li ġej ser tiżżanżan opra li żgur ser tkompli tkabbar is-sollennita' li biha tiġi ċċelebrata l-festa tagħna. Din l-opra tikkonsisti f'sett ta' 31 pjaneta maħdumin fil-bellus u bir-rakkmu tad-deheb fuqhom li jkunu jistgħu jintlibsu mill-Kapitlu u l-Konċelebranti l-oħra waqt il-Pontifikal sollenni ta' Jum il-Festa.

Din l-opra qed issir bl-inizjattiva u t-tħabbrik tal-membri tal-"Ladies Society" tal-Parroċċa tagħna. Kemm ilha mwaqfa din l-għaqda qatt ma naqset li tħabbrek bi sħiħ b'riżq il-Bażilika tagħna, u l-Komunita' Parrokkjali marbuta magħha. Il-"Ladies Society" ġa ħallset il-parti l-kbira ta' l-ispejjeż meħtieġa sabiex setgħet issir din l-opra. Fadal biss madwar Lm600 x'jitħallsu. Għalhekk minn din ir-rivista qed inniedu appell lil dawk kollha li jistgħu joffru Lm15, daqskemm tiswa l-ħjata ta' kull pjaneta, bit-tama li sal-festa din is-somma tinġabar u f'San Ġorġ inkunu nistgħu ngawdu din l-opra ġdida li tkompli tagħmel iktar sollenni ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Bażilika tagħna.

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## editorjal

# MHUX JIEN BISS!

Meta tibda tikber tinduna li l-ħajja mhux kollox ward u żahar. Sakemm konna għadna tfal ma konniex naħsbuha darbtejn li naqsmu ma sħabna kulma jkollna. Min jaf kemm offrejna min dak li jkollna mingħajr ebda pretenzjoni ta' tpattija mingħand min qasam magħna. Pero' din il-parti tant sabiħa ta' ħajjitna tgħaddi malajr wisq u nidħlu fl-irġulija mingħajr ma nġorru magħna dak is-sens ta' altruiżmu li konna mżejnin bih meta konna tfal.

Illum li kbirna daħal fina dak l-egoiżmu li ġabarna fina nfusna u nsejna kompletament lil ta' madwarna. Dejjem naħsbu fina nfusna. Forsi hawn min qed jgħid , allura l-ġenerożita' tagħna mal-knisja, mal-missjonijiet u ma' l-għaqdiet ta' Promozzjoni Umana ma' ifissru xejn? Kultant din il-ġenerożita' ma tkun tfisser xejn għax inkunu qed nagħtu miż-żejjed li għandna.

Iżda l-ħsieb tagħna llum mhux għall-ġenerożita' fi flus imma ġenerożita' xort' oħra. Kemm huma dawk li jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom fl-għaqdiet? Kemm huma dawk li jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom fil-parroċċa? Kemm huma dawk li jistgħu jgħinu f'kumitati organiżżattivi tal-knisja u ta' l-istat?

Dawn huma ħafna, imma ftit minnhom jersqu 'l quddiem biex joffru ħilithom, il-kapaċitajiet tagħhom, ix-xogħol tagħom.

Ħafna jridu huma biss u mhux lesti li jagħmlu anke l-iċken sagrifiċċju għal ġid tal-komunita'. Ħafna ħsiebhom biss kif ser iħaxxnu bwiethom u ma jimpurtahom min xejn iżjed. Dan l-egoiżmu juri li għad irridu naħdmu iżjed fost il-poplu tagħna biex ngħallmuh ikun iktar miftuħ għall-għajnuna mal-kumplament tal-komunita'.

Ħafna u ħafna jgergru li dejjem l-istess nies li jmiddu għonqhom għax-xogħol.Dan jista' jinqata' biss jekk fina lkoll jikber sens veru ta' altruiżmu ħalli kulħadd, kulmin jista' joffri l-għajnuna tiegħu b'risq ta' madwaru, b'risq il-komunita' li jgħix fiha, b'risq ħutu Għawdxin.

## *Il-Kelma ta' l-Arcipriet* *ikompli mill-ewwel paġna*

"Anke jien ħassejt in-nuqqas tagħkom!" wieġbet biddmugħ f'għajnejha dik l-imbierka "biċċa" jigsaw.

Jiena naħseb li din il-ħrafa tgħodd għalina lkoll.

Min jaf kemm il-darba aħna nsibu lilna nfusna bħal din il-"biċċa" jigsaw, mitlufin, weħidna. Imwarrba mill-oħrajn. Infendu għal rasna. Bil-konsegwenza li ninsew aħna min aħna.

Kemm huma dawk li qed jgħixu bla skop; tilfu kull target fil-ħajja tagħhom.Tarahom jiġru minn naħa għall-oħra.......imdejjqa, mifxula. Kemm huma dawk li nsew xi tfisser tkun "bniedem". B'ġisem u b'ruħ. Iħarsu madwarhom: jaraw nies oħrajn, iżda huma jibqgħu ma jagħrfux lilhom infushom.

Minħabba f'hekk jintelqu f'ċerta bruda; jitgħażżnu........ Jibdew jaraw li huma ma jiswew għalxejn.

Alla jkun sejjħilhom. Ried minnhom xi ħaġa. Tahom dak kollu li jeħtieġu biex ikunu jistgħu jagħmlu dak li jkun talab minnhom. Iżda huma jibqgħu passivi. Jkun hemm min minnhom jipprovaw jagħmel xi ħaġa li tiġihom f'moħħhom, iżda minnufih jittendu li hemmhekk mhux posthom........ma jiffittjawx! U allura jerġgħu għall-ħajja ta' qabel.

Dik il-"biċċa" jigsaw sabet postha meta dak it-tifel poġġiha ma' sħabha, il-biċċiet l-oħra. Hemmhekk irrealiżżat li hi ma kienitx żejda, li kellha skop. Li kellha parti importanti x'tilgħab Mingħajrha l-kwadru ma kienx komplit. Biha wieħed setgħa jitpaxxa bl-istampa sħiħa. Hekk ukoll aħna. Ilkoll għandna parti x'nilgħabu. Alla, mingħand kull wieħed u waħda minna, qed jistenna "xi ħaġa", u din "ix-xi ħaġa" l-persuna determinata biss tista' tagħtihielu. Iżda rridu nifhmu li ma nistgħux ninqatgħu għalina nfusna. Aħna qed ngħixu ma' bnedmin oħra. Postna hu dak li jurina Alla.

Mela kemm jekk int missier jew omm, raġel miżżewweġ jew mara miżżewwġa, żagħżugħ jew żagħżugħa, anzjan jew anzjana, student jew studenta, tifel jew tifla, int IMPORTANTI quddiem Alla u quddiem l-bnedmin l-oħra. Agħti sehmek f'ħinu u f'waqtu. U permezz tal-"biċċa" tiegħek il-kwadru jkun sħiħ.

Dawn huwa ħsieb ieħor minn sensiela ta' għaxra li l-Kard. Carlo Maria Martini kiteb għall-Arċidjoċesi tiegħu ta' Milan. Huwa ried iwassal lill-familji kollha ta' din il-belt kbira, b'mod speċjali lill-ġenituri l-ħtieġa li huma għandhom li jsegwu aħjar lil uliedhom , jgħinuhom jagħtu tweġiba għal kull sejħa li Alla jagħmlilhom.

## DONAZZJONIJIET B'RISQ IR-RIVISTA

| | |
|---|---|
| Can. Coronata Grima (Gibilta') | Lm1 |
| Ġiġi Said: (Awstralja) | 50 Aus.$ |
| Emmanuel Zammit (Awstralja) | 50 Aus.$ |
| Sam Galea (U.S.A.) | Lm10 |
| Charles Farrugia (Awstralja) | 20 Aus. $ |
| Joe Grech (Carlsbad:USA) | 20 US.$ |

# 25 SENA ISQOF - 40 SENA SACERDOT





Fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ, meta Mons Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni fil-Bażilika tagħna, kien xieraq li din is-sena jingħatalu ġieħ fl-okkażjoni tal-25 sena mindu ġie kkonsagrat Isqof kif ukoll f'għeluq l-40 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Din is-sena fi tmiem il-Konċelebrazzjoni Pontifikali Mons Arċipriet għamel kelmtejn ta' awguri lil Mons Isqof, li huwa wkoll Dekan u l-Għola Dinjita' tal-Kapitlu tal-Bażilika tagħna, u offrielu rigal f'isem il-Kapitlu, il-Kleru u l-Komunita' Parrokkjali. Mons Isqof ingħata mitra li nġabet apposta minn Ruma. F'din l-okkażjoni wkoll is-Soċjeta' Filarmonika "La Stella" li'hija marbuta mill-qrib mal-Bażilika ta' San Ġorġ , permezz tas-Segretarju Ġenerali, is-Sur Paul M. Cassar offrietlu rigal f'din l-okkażjoni. Fuq ix-xellug Mons Arcipriet jidher jippreżenta r-rigal tal-Parroċċa filwaqt li fuq il-lemin is-Sur Paul M. Cassar jidher jippreżenta r-rigal f'isem is-Soċjeta' "La Stella"



**TFAL BNIET LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA**

Attard Sara, Borg Ria Claire, Buttigieg Charlene, Buttigieg Stephanie, Camilleri Mariella, Casha Tiziana, Cassar Marija, Cassar Moira, Cremona Charmaine, Debono Pamela, Ellis Dorienne, Ellis Dorien, Falzon Georgette, Falzon Joanne, Formosa Charlene, Gauci Christine, Grech Anabel, Grech Josephine, Grech Sharon, Lupi Karen, Mercieca Mariella, Portelli Darlene, Portelli Deborah, Portelli Marion, Portelli Melissa, Sacco Joscelin, Sacco Lorna, Saliba Andrea, Schembri Mary Grace, Spiteri Anabel, Sultana Ramona, Sultana Rebecca, Sultana Rodienne, Theuma Melissa, Vassallo Charlene, Vella Melissa, Zammit Roseanne.



**TFAL SUBIEN LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA**

Agius Alan, Attard David, Attard Donald, Attard Felix John, Attard Geoffrey, Bezzina Joellson, Borg Jonatrhan, Borg Justin, Bugeja Jonathan, Borg Mark, Camilleri Frank, Camilleri George, Caruana Alfred, Cassar Charlton, Cini David, Ellis Jake, Farrugia George Mario, Farrugia Julian, Farrugia Matthew, Farrugia Richard, Formosa Ruben, Galea Johan, Galea Kevin, Gatt Daniel, Genuis Ian, Grech James, Grima Raymond, Lupi James, Magro Yosef, Mercieca George, Mizzi Georgesam, Piscopo Robert, Portelli Brian, Saliba Christian, Saliba Joseph, Spiteri Christopher, Spiteri Jonathan, Tabone George, Vella Charlie, Vella David, Vella Jacob, Vella Joseph, Xerri Joseph, Zammit Andrew, Zammit Christian.



**TFAL BNIET LI RCEVEW IL-GRIZMA TA' L-ISQOF**

Attard Alexia, Attard Jaclyn, Attard Lorraine, Attard Louise, Attard Maria Giovanna, Attard Roberta, Bajada Vanessa, Bongailas Patricia, Borg Romina, Borg Sonia, Buttigieg Christiana, Camilleri Josianne, Camilleri Tiziana, Cauchi Laura, Cremona Denise, Cremona Jolyne, Formosa Daniela, Galea Karen, Galea Pauline, Gatt Diane, Grech Jocelyn, Grech Liliana, Grech Maria, Grech Maryrose, Grech Simone, Sacco Liliana, Sacco Marthese, Sacco Melissa, Saliba Rachel, Sillato Rose Ann, Spiteri Mariella, Vella Edwina, Zammit Antonella.



**TFAL SUBIEN LI RCEVEW IL-GRIZMA TA' L-ISQOF**

Aquilina Mark, Attard Anthony, Attard Jonathan, Axiaq Joseph, Borg Daniel, Borg Frank, Buhagiar Manwel, Cassar Joseph, Cassar Michel, Cassar Raymond, Cremona Antione, Cremona Joseph, Cremona Robert, Farrugia Christopher, Farrugia Etienne, Farrugia Oliver, Fenech Frank, Formosa Aaron, Grech Etienne, Mifsud Jimmy, Portelli Neville, Sacco Justin, Saliba Mario, Schembri Tonio, Vella David, Vella Robert, Zammit Mark.



# IL-FUTUR TA' ULIEDNA

## *ħsebijiet semplici għal futur aħjar*

## 5 Ħsieb:

## GĦAJJIEN MEJJET

Xi kultant it-tfal jistgħu jispiċċaw imxebbgħin. Ikunu għaddew sieghat iħabbtu wiċċhom ma' argumenti, għalliema b'metodi diversi; imbagħad,kellhom it-tpaċpiċ bla rażan fuq l-aħħar logħbiet elettroniċi; imbagħad, hekk kif tkun intemmet l-iskola, jsibu lill-ommhom jew lil nanuhom biex iwassluhom għal-lezzjoni tal-pjanu, tal-Ingliż jew inkella tal-Judo.........anzi oqgħod, id-dentista bil-leave!!!

Meta jinġabru lura d-dar ma jkollhom aptit ta' xejn, għajr jintefgħu fuq is-sufan u joqgħodu jaraw l-avventuri assurdi ta' xi eroj tal-ħabba gozz.

**Ftaħir tal-ommijiet.**

Fil-konversazzjonijiet li jintisġu waqt li jkunu jistennew it-tmiem tal-lezzjoni tal-privat, l-ommijiet spiss joqgħodu jiftaħru dwar il-kapaċitajiet ta' uliedhom, bħal per eżempju: "Isma' għandhom Professoressa tat-Taljan tassew brava, u qaltli li binti titgħallem minnufih dak kollu li tgħidilha!" Jew inkella: "Nhar is-Sibt li ġej ibni ser ikollu jmur jieħu sehem f'meeting reġjonali, u jkollu jmur bil-fors, għax l-aqwa wieħed li hemm fit-team!" Il-ġenituri jiddandnu b'dawn is-suċċessi ta' uliedhom u ma jarawhiex bi tqila li joqgħodu jiġru minn hawn għal hinn biex ilaħħqu ma' kollox. Naturalment huma jgħidu: "Dan nagħluh għall-uliedna: ma rridu nonqsuhom minn xejn!"

Fil-fatt hija ħaġa tajba li wieħed jimpenja ruħu kemm fl-istudju kif ukoll fl-isports, meta l-iskola ma tkunx tista' terfa' il-piż hi. Biss jiena jidhirli li xi kultant jintilef is-sens ta'kejl u dan il-ġenn ta' ġiri wara kull possibilita' jispiċċa biex jagħmel minnhom ilsiera tal-modaaktar milli servizz fit-tkabbir tal-ulied. Tisma' saċerdoti jgergru li ma jafux meta ser jaqbdu jagħmlu t-tagħlim tad-duttrina, għaliex ma jistgħux isibu nofs ta' nhar ħieles għat-tfal.

The Best Home Appliances from the Best

Forestals
APPLIANCES LTD.

Pope John Paul II Street, (On the Way to Ta' Pinu)
Victoria, Gozo. Tel: 551234

**Ftit ta' l-Ekwilibriju**

Jiena jidhirli li hi ħaġa neċessarja li instab ekwilibriju u t-tfal jiġu mogħtija ż-żmien li jkunu tfal: jiġifieri li jkolhom ħin għal-logħob, mingħajr ma jħossu l-ħtieġa li huma xi *champions* , li jkunu jistgħu jippassiġġaw f'xi ġnien u jiġbru weraq nexfin għall-gost li jkunu jafu iktar dwar il-ħarifa, mingħajr ma jkunu mġegħlin jagħmli lista twal għal xi *research work* ta' l-iskola; li jkunu jistgħu jmorru man-nannu jiġbru l-qastan u filwaqt li kunu jimlew il-basktijiet jisimgħu xi storja antika bla ma jkollhom għalfejn jiftakruha biex iniżżluha f'xi komponiment tat-taljan.

L-esperjenza li tħoss ruħek ħieles, l-okkazzjonijiet għall-kontemplazzjoni kwieta tan-natura, l-ispażju fejn wieħed jimmaġina ħrejjef li huma totalment differenti mit-*telefilms* li jaraw, huma mumenti tassew prezzjużi.

B'hekk jiġi nkoraġġit dak l-ekwilibriju psikoloġiku, dawk iż-żmenijiet ta' realta' li fihom il-ħafna aħbarijiet u tentazzjonijiet jiġu mċekkna; inkunu nistgħu naħsbu bil-kalma kollha u nassimilaw il-valuri li huma deċisivi għall-għażliet li jiswew.

Verament nixtieq li kulħadd ikollu l-possibilita' li joħroġ jippassiġġa, kultant waħdu, fejn ma jkun hemm vetrini li jqajjmulna kurżita' u kapriċċi: tippassiġġa waħdek biex tiggosta l-paċi, titbiegħed minn dawk l-affarijiet ta' kuljum u tkun kapaċi twieġeb għall-mistoqsija: "Għaliex din is-sbuħija kollha?..Għaliex dawn id-dwejjaq?......Għaliex......??? .........X'nista' nagħmel għall-futur tiegħi?

**Waqtiet ta' grazzja**

Dawn huma waqtiet ta' grazzja li fihom nitgħallmu dawk il-kelmiet ta' rikonoxxenza u li l-qalb tkun lesta li tisma'. Imberkin awk il-ġenituri u l-edukaturi li għandhom ħafna għal qalbhomil-liberta' tat-tfal, subien u bniet, li jdaħħluhom għall-arti diffiċli ta' l-ammirazzjoni, għal drawwiet ta' rikonoxxenza u għall-disposizzjoni ta' smiegħ.

Hadd ma għandu għaliex jistagħġeb jekk jiena iktar nafda lil dawk iż-żgħażagħ li jkunu għaddew minn dawn it-triqat. Dawn lili jittamawni li għada jkunu kapaċi jinterpretaw ferm iżjed il-ħajja bħala vokazzjoni. Infatti l-ewwel pass ta' l-ubbidjenza għas-sejħa hija l-gratitudni li tagħraf u tilqa' l-opri t'Alla.

Għandi biża kbir li dawk li jimxu wara kull moda jikkuntentaw il-kapriċċi kollha u li huma, miġbuda minn kull xorta ta' reklami, jispiċċaw biex jixbgħu għall-aħħar, u filwaqt li għandhom kollox, jispiċċaw biex ma jkollhom kont ta' xejn.

Kemm enerġija moħlija!!! Kemm frustrazzjonijiet għall-ġenituri.

# L-IKLA ta' JUM SAN GORG 1992

***Id-Diskors li l-Presidenta tal-Ladies Society, Mrs. Antionette Frendo għamlet waqt l-ikla tal-Festa ta' Jum San Ġorġ ta' din is-sena.***

*Onorevoli MInistru għal Għawdex,*
*Eċċellenza Reverendissima Monsinjur Isqof,*
*Mistednin Distinti,*
*Sinjuri.*

Huwa ġieħ u pjaċir tiegħi li f'isem il-LADIES SOCIETY nilqagħkom għal din l-Ikla ta' Jum San Ġorġ.Nirringrazzjakom talli lqajtu l-istedina li għamilnilkom u ġejtu taqsmu l-ħobż magħna fuq din il-mejda festiva. Hu San Ġorġ li laqqagħna. Kif ser jerġa jkun hu li jlaqqagħna l-lejla għall-marċ li l-Banda"La Stella ser tagħmel mat-toroq tal-Belt Victoria, u għada , għall-Konċelebrazzjoni Solenni li Mons Isqof ser imexxi fil-Bażilika tagħna.

U kif qed insemmi lil Mons Isqof, ippermettuli Sinjuri ngħamlilkom stedina. Stedina sabiex nifirħu lill-Eċċellenza Tiegħu f'dan iż-żmien li fih id-Djoċesi tagħna qed tiċċelebra l-40 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu u l-25 sena mill-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu.

Nifirħulek, Eċċellenza Reverendissima. Nirringrazzjawk għas-servizz kollu mħabba li tajt lill-Knisja fil-gżira tagħna. U nitolbu għalik: sabiex Alla jibqa' iżomm idejh fuqek u inti tkompli l-ħidma fejjieda tiegħek b'risq l-insara ta' pajjiżna u l-Knisja Universali.

*Onorevali Ministru, Eċċellenza Reverendissima, Sinjuri:* L-Organiżżazjoni ta' l-Ikla ta' Jum San Ġorġ hija, kif tafu, inizjattiva li ħadet il-LADIES SOCIETY, tmien snin ilu u li l-għaqda tagħna baqgħet tieħu ħsiebha b'reqqa u perseveranza. Id-diffikultajiet ma jonqsux, iżda l-għajnuna meħtieġa dejjem sibniha sabiex din l-ikla tkun suċċess kif dejjem kienet. Din l-ikla hija espressjoni ċivili u karatteristikament umana ta' kif aħna nistgħu niltaqgħu flimkien, naqsmu fehmietna ma' xulxin u nifirħu b'xulxin. Dan illum qed nagħmluh f'isem il-Patrun tagħna San Ġorġ u b'hekk aħna qed niċċelebraw ir-rabta spiritwali u kulturali li għandna miegħu.

Iżda, nfakkarkom, din hi biss waħda mill-ħafna inizjattivi li l-LADIES SOCIETY tieħu ta' kull sena. Inizjattivi u ħidmiet ta' kull xorta: reliġjużi, karitatevoli, rikreattivi, kulturali, u anke ta' "fund-raising" b'riżq il-Bażilika ta' San Ġorġ u l-Komunita' Parrokkjali tagħha. Dawn huma attivitajiet li l-membri tal-Kumitat Organiżżattiv tal-LADIES SOCIETY iwettqu b'entuzjażmu kbir u, ħafna drabi, mhux mingħajr sagrifiċċju. Ngħaġġel inżid, pero', li s-sagrifiċċji li nagħmlu nberkuhom meta naraw l-attivitajiet tagħna patroniżżati, meta naraw l-inizjattivi li nieħdu jsibu rispons ġeneruż u kooperazzjoni mħeġġa.



*Is-Sinjura A. Frendo waqt li qed tagħmel dan id-diskors.*

Fid-dawl ta' dan , hu bi pjaċir kbir tiegħi u ta' sħabi li ngħarrafkom illi l-proġett kbir ta' sett ta' Pjaneti Gotiċi li l-LADIES SOCIETY kienet qed taħdem għalih f'dawn l-aħħar snin issa wasalna biex intemmuh.

Il-bellus kollu meħtieġ, ta' lawn aħmar, fin, sabieħ u adatt għas-sħana tas-sajf meta nagħmlu l-Festa ta' San Ġorġ - anke dan il-fattur kellna nżommu quddiem għajnejna! - sibnieh. ordnajnih wasal u ħallasnieh. Id-disinni tar-rakkmu saru, inbagħtu Ruma, waslilna l-kampjun li ridna, għamilna l-ordni u bħalissa r-rakkmu qed isir u dalwaqt ikun għandna. Dan ir-rakkmu tad-deheb ġa ħallasna parti minnu, iżda fadlilna niġbru xi fondi għalih.

Il-ħjata tal-pjaneti ġa qed isir għand ir-Sorijiet 'Ta' l-Istilla'. L-ispiża tal-ħjata ser titla' għal Lm465. Kull pjaneta ser tiswielna Lm15. Kif qed taraw is-sorijiet ma ħaqruniex. Ma' kull min tkellina ġejna assigurati li l-ħjata ser tiġina ftit flus tassew. Imma l-ispejjeż huma dawk li huma u rridu nagħmlu tajjeb għalihom. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk id-diversi persuni li offrew li jħallsu l-ħjata ta' pjaneta kull wieħed.

Nittamaw li s-sett kollu ta' 31 pjaneta jkun lest u nkunu nistgħu nżanżnuh f'Lulju li ġej. Nittamaw ukol li meta nżanżnuh inkunu ġa ħallasnih kollu. Aħna ma għandniex dubju mill-ġenerożita' tagħkom.

*Onorevoli Ministru, Eċċellenza Reverendissima, Sinjuri,* nispiċċa billi mill-ġdid nirringrazzjakom illi lqajtu l-istedina tagħna llum. Nirringrazzjakopm ukoll għas-"support" tagħkom. Jiena ċerta li din il-mejda sibtuha għal qalbkom. U għalhekk b'wiċċi minn quddiem nistedinkom sabiex nerġgħu niltaqgħu s-sena d-dieħla. Meta - ngħidulkom aktar 'l quddiem.

Grazzi ħafna.


ASTRA TOURS 1992 ASTRA TOURS 1992 ASTRA TOURS 1992 ASTRA TOURS

| | | | |
|---|---|---|---|
| FATIMA - LOURDES<br>MADRID -LISBON<br>AVILA - ANDORRA<br>BURGOS eċċ.<br>Bl-ajru MALTA/MADRID<br>27 Jul - 10 Aug | SCANDINAVIA - FIORDS<br>GERMANJA<br>MAINZ - BREMEN<br>COPENHAGEN - OSLO<br>STOCKHOLM<br>Bl-Ajru Malta / Frankfurt<br>6 - 20 ta' Awissu | ISTAMBUL - BURSA<br>Ġimgħa Shopping<br>IRĦIS U DIVERTENTI<br>Bl-Ajru Malta / Istambul<br>17 - 24 ta' Awissu | Programmi u Bookings<br>John Portelli Ent.<br>Victoris - Valletta<br>Tel:247016-247536<br>ASTRA TOURS<br>Tel: 551004 |

# Il-Belt Victoria

minn John Bezzina

## Leħen il-Belt Victoria

F'Gunju 1957 bdiet toħroġ il-gażżetta "Leħen il-Belt Vittorja" u damet toħroġ sal-1962.Ħarġu 61 numru u kienet toħroġ kull xahar. Bħala editur kellha lis-Sur Ġorġ Galea B.Pharm.

## Il-Belt Victoria

F'Lulju-Awissu 1981 feġġ l-ewwel numru ta' "Il-Belt Victoria", rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, rivista ta' kull xahrejn li għadha toħroġ sa llum. Fit-tnejn tispikka l-imħabba lejn il-Bażilika ta' San Ġorġ u lejn il-Banda "La Stella" li tieħu ħsieb il-festi esterni tal-Festa ta' San Ġorġ fil-belt Victoria.

Fl-1887, fl-okkażżjoni tal-Ġublew tar-Reġina Vittorja fuq talba, sura ta' petizzjoni, iffirmata mill-isqof t'Għawdex Mons Pietru Pace, mill-Kapitlu u mill-abitanti prinċipali t'Għawdex, il-Maesta' Tagħha r-Reġina, għoġobha:"....to consent to the TOWN of RABAT in that island being on the occasion of Her Majesty's Jubilee officially declared a city and its name changed into that of "VICTORIA".

Din l-aħbar dehret kemm bl-ingliż kif ukoll bit-taljan fil-Gażżetta tal-Gvern Nru. 3202, bid-data tal-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 1887, bin-notifika tal-Gvern Nru. 75, li taħbat l-ewwel avviż fl-ewwel faċċata.

## The City - La Citta'

Mit-test bl-ingliż nisiltu li:"....the TOWN of RABAT" ġiet dikjarata: "a CITY". Mit-test taljan
nisiltu li: "IL RABATO sia ufficcialmente dichiarato CITTA'". Dan ifisser li: (i) fit-test taljan fil-kelmiet "IL RABATO" hemm sottintes il-kelma "TOWN" tat-test ingliż u dan għaliex il-kelma RABAT innifisha skond it-tifsira oriġinali tagħha, u li tmur lura għal 1200 Q.K.tfisser "a TOWN". (Sam.II,Kap.XII,v.26-27). Is-Sultan David saltan bejn l-1012 u l-1004 Q.K. Il-Kelma "Town" tfisser għadd ta' djar imdawwra bis-swar. (ii) Skond in-notifika tal-Gvern kif dehret fiż-żewġt ilsna huwa "IR-RABAT" li uffiċċjalment jissejjaħ "CITY", jissejjaħ "CITTA'" u mhux iċ-Ċittadella li ma tissemmiex fin-notifika. Għalhekk hija l-"metropoli" u mhux l-"acropoli" li bic-"charter" tar-Reġina ġiet maħtura "CITY". Hija l-belt kapitali u mhux iċ-Ċittadella: l-aħħar kenn.U biex "town" tiġi mgħollija għall-ġieħ ta' "city" mhux bilfors ikollha Knisja Katidrali.

Dawk li għamlu l-petizzjoni ndunaw li ċ-Ċittadella mhix inkluża: "His excellency hereby declares RABAT, in Gozo, to be a city and that it be styled in all public documents by the name Victoria". Fil-verżjoni taljana naqraw:"Sua Eccelenza pertanto dichiara colla
presente il RABATO in Gozo Citta' ed ordina che in tutti gli atti pubblici sia chiamato col nome "Vittoria". Iċ-Ċittadella ma tissemma mkien. Għalhekk dawk li għamlu l-petizzjoni biex bħal kieku jraqqgħu l-pannu bil-qargħa aħmar, meta ġew biex ifakkru din il-ġrajja li r-RABAT ġie mgħolli għall-ġieħ ta' "CITY", l-irħama waħħluha fiċ-Ċittadella faċċata tal-Katidral u mhux fir-Rabat fejn kien postha.

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

28.03.92: **JOHN PAUL**, iben Saviour Borg u Doreen nee' Mercieca.
11.04.92: **JUSTINE-MARIE**, bint Dennis Grech u Josette nee' Muscat
02.05.92: **DANIEL**, iben Saviour Tabone u M'Concetta nee' Caruana.
03.05.92: **RENZO**, iben Anton Schembri u Lora nee' Sciberras
10.05.92: **ANNABELLE**, bint Joseph Saliba u Betty nee' Apap.
16.05.92: **RAISA GEORGINA** bint George Mercieca u Georgette nee' Bezzina.
17.05.92: **ADRIAN ROBERT** iben Dennis Borg u Melina nee' Portelli
7.05.92: **STEVE**, iben Mario Vassallo u Carol nee' Borg

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RRXUXTAT

24.03.92: Francesca Xerri
30.03.92: George Portelli
17.04.92: Lawrence Cauchi
02.05.92: Antoinette Frendo
02.05.92: George Xuereb

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ.

26.04.92: Joseph Bugeja (Xewkija) u Maria Bezzina.
09.05.92: Victor Mercieca (Sannat) u Teresa Azzopardi.
09.05.92: George Scicluna u Evelyn Gallacher (Scotland)
14.05.92: Teddie Borg u Gillian Mellor
17.05.92: Carmelo Mifsud (B'Kara) u Mary Rose Attard.

## PORTSLADE COMMUNITY COLLEGE CHOIR

Nhar is-Sibt 2 ta' Mejju fil-Bażilika tagħna nżamm kunċert ta' kant mill-PORTSLADE COMMUNITY COLLEGE CHOIR. Dan il-kor ingliż kien Malta bil-għajnuna tal-Ministeru taż-Żgħażagħ u l-Arti bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat tal-Kultura t'Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex. Il-kor kien taħt id-direzzjoni ta' Maestro David McAuliffe u esegwixxa xogħolijiet ta' Sweelinck,Wesley, Bruckner, Stravinsky u oħrajn. Wara l-kunċert, li għalih attendiet ukoll is-Sinjura Tabone, Mons Arċipriet ippreżenta rigal lill-kor.

## SAN ĠORĠ 1992

**Kemm il-Parroċċa tagħna kif ukoll is-Soċjeta Filarmonika "La Stella" bħal issa jinsabu għaddejin bi tħejjijiet għall-Festi ta' San Ġorġ li ser jinżammu bejn il-Ħadd 12 ta' Lulju u jilħqu l-qofol tagħhom il-Ħadd 19 ta' Lulju, Jum il-Festa.Tajjeb li nkomplu bit-tħejjija spiritwali permezz tal-Ħamisijiet u nattendu matul dik il-ġurnata fil-Bażilika tagħna biex nitolbu lil San Ġorġ isaħħaħ fina l-fidi. Iżda tajjeb ukoll li nħeġġu lill-membri kollha tal-Komunita' Parrokkjali biex ikunu ġenerużi, kif dejjem kienu s'issa fil-ġbir li jsir kemm għall-festi tal-knisja kif ukoll għall-festi esterni li torganiżża l-Banda "La Stella".**

**PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES**
**24- 27 ta' AWISSU 1992**
**L-AĦĦAR POSTIJIET**
**INFORMAZZJONI u KITBA**
**MONS ARCIPRIET**

## ROKNA GHAT-TFAL

*Għeżiez tfal,*

Kif intom? Nittama li tinsabu tajbin u qawwijin u sħaħ, ilkoll tħejju bil-għaqal għall-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena! Qegħdin taraw kif jgħaddi ż-żmien! Filli Ottubru, fetħet l-iskola mill-ġdid, u filli kważi l-aħħar tas-sena skolastika.

Għaddiet sena oħra u meta terġa' tiftaħ l-iskola, jekk Alla jrid f'Ottubru li ġej, tkunu fi klassi ogħla. Forsi għal xi wħud minnkom, din hija l-aħħar sena f'din l-iskola u s-sena li ġejja tkunu fi sklola ġdida. Taraw kemm qegħdin tikbru! Biss, jiena rridkom tikbru f'kollox, l-aktar f'dik li hija edukazzjoni, fil-manjieri tajba tagħkom. U rigward dan is-suġġett, nixtieq ngħidilkom storja.

Darba kien hemm kaptan fl-armata u tgħidx kemm kien iżommha. Ried kollox eżatt u ma kien jippermetti l-ebda ksur tar-regolamenti għax kien strett ħafna. Darba qabad mas-seftur għax deherlu li ma kienx qed iġib ruħu kif imiss meta jwassallu l-kolazzjon kmieni fil-għodu.

"Tiġini l-uffiċċju bil-gabarre'.... u tqiegħdu quddiemi fuq l-iskrivanija bla kliem u bla sliem. Ejja oqgħod hawn floki u nirik kif suppost isiru l-affarijiet." U l-kaptan warrab minn fuq is-siġġu u ordna lis-seftur joqgħod minn floku. Imbagħad reġa' ħareġ bil-gabarre'. Ħabbat u daħal mill-ġdid. U l-iseftur, imbellaħ fuq is-siġġu , qallu:

"Bonġu, Sur Kaptan. Nispera li kellek lejl tajjeb. Ghandek il-kolazzjon. Jekk ikun jonqsok xi ħaġa, jien ikun wara l-bieb nistenniek."

Is-seftur qam fuq tiegħu u kompla x-xena:

"Grazzi, ħabib, u l-jum it-tajjeb lilek ukoll. Hawn din għalik!" U dlonk daħħal idu fil-but u tefa' munita f'id il-kaptan li kien qed jagħmilha ta' seftur.

Il-kaptan stagħġeb. Ma kienx jistenna la dik it-tweġiba u wisq inqas dik it-tip, għax fil-fatt hu qatt m'għamilhom. Lis-seftur kien għallmu kif jippreżenta l-gabarre' tal-kolazzjon u s-seftur għallmu kif jirċivih.

Qegħdin taraw, tfal, kemm hi sabiħa l-edukazzjoni. Xi wħud minnkom jonqsu li jgħidu "k'jogħoġbok" u "grazzi". Xi darba nitkellmu iktar fit-tul dwar dan is-suġġett għax importanti ħafna.

Għal-lum nieqfu hawn. Sakemm nerġgħu niltaqgħu, nixtiqilkom suċċess fl-eżamijiet. Studjaw!

*Ciaw!* ***Iz-Ziju Peppi***

## IL-"CHORUS URBANUS" fi programm kulturali għall-ĠIMGĦA MQADDSA



*Il-"CHORUS URBANUS" waqt il-programm fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex.* (Ritratt:Carmel Cremona)

Waħda mill-attivitajiet kulturali li organiżża l-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex, għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa kienet Serata Funebri li matulha ttella' il-"feature" letterarju tal-Kav. Joe M. Attard "Il-Passjoni u Mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu fil-Letteratura".

Dan sar fis-sala tal-wirjiet fil-Ministeru t'Għawdex u fih ħa sehem il-"Chorus Urbanus" taħt it-tmexxija tas-surmast direttur tiegħu Mro. John Galea. F'din l-okkażżjoni l-kor kanta xogħolijiet ta' Dubois, Massenet, Shaw u Galea, bis-sehem tas-sopran Yvonne Galea u l-vjolinista Sunny Galea.

Ħadu sehem ukoll għadd ta' qarrejja fosthom uħud mill-awturi u poeti Għawdxin quddiem udjenza sabiħa fosthom il-Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone.

## ATTIVITA' MILL-GRUPP TAL-VOKAZZJONIJIET TAL-PARROĊĊA TAGĦNA



Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa tagħna jżomm diversi attivitajiet speċjali matul is-sena, barra laqgħat regolari li jsiru kull nhar ta' Sibt filgħaxija. Bi preparazzjoni għall-festi ta' l-Għid il-Grupp, bħas-snin l-imgħoddija, ħa sehem fl-ikla tal-Mulej li saret fiċ-Ċentru Parrokkjali, nhar is-Sibt 11 ta' Marzu li għadda. F'dik l-okkażżjoni qaddes għall-grupp Mons Isqof Nikol Cauchi flimkien ma' Mons Arċipriet u Dun Effie Masini, d-Direttur tal-Grupp. Fi tmiem il-quddiesa Mark Sagona, membru tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet għal diversi snin, ippreżenta rigal lil Mons Isqof (ritratt) fl-okkażżjoni tal-25 anniversarju mill-konsagrazzjoni episkopali u ta' l-40 anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

# LA FORZA DEL DESTINO . . . *Impressjonanti*

Kienet ilha ma tiġi ppreżentata f'pajjiżna tletin sena. Opra kbira li tirrikjadi kast formidabbli u kor kompetenti. Min hu midħla ta l-opra Verdjana "La Forza del Destino" jaf x'jien ngħid. L-Impresa Astra, li fis-snin l-imgħoddija ppreżentatilna b'suċċess rikorrenti opri bħal "Aida", "Norma" u "Il Barbiere di Siviglia", daħlet għall-isfida tal-"Forza" u wriet li kienet taf għal xhiex dieħla. Infatti hi rregalatna bi produzzjoni li apprezzaha kull min kellu x-xorti li jkun forst il-pubbliku kbir li attenda għaż-żewġ rappreżentazzjonijiet tagħha nhar il-Ġimgħa 15 ta' Mejju meta attenda l-Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u l-Ħadd 17 ta' Mejju fil-preżenza ta' l-Eċċ. Tiegħu Dr. Ċensu Tabone President tar-Repebblika. Prova ta' dan li qed ngħid dehret fl-għadd kbir ta' dawk il-Maltin li tel-għu Għawdex għall-preżentazzjoni tal-Ħadd wara li semgħu bis-suċċess li l-opra kisbet fl-ewwel lejla tagħha nhar il-Ġimgħa.

L-Impresa Astra fdat l-għażla tas-solisti f'idejn is-Surmast Direttur Joseph Vella, li ismu llum hu sinonimu ma' impenn serju u dedikazzjoni totali, kif ukoll garanzija ta' suċċess fl-esekuzzjoni. Għal din ir-rappreżentazzjoni nġabu artisti li għandhom konnessjoni diretta mal-Kumpanija ta' l-Opra tat-Teatru Liriku ta' Sofia, il-Bulgarija. Dawn flimkien ma kantanti sekondarji lokali, iffurmaw kast formidabbli li ħalla mpressjoni qawwija għall-kompletezza tiegħu u għall-mod eċċellenti kif il-komponenti tiegħu ikkomplimentaw lil xulxin. Il-vuċijiet li smajna kienu sbieħ ħafna, ċari daqs il-kristall fl-emissjoni tagħhom, kellhom spektrum wiesgħa ta' dinamika interpretattiva u timbru naturali li ħoloq f'min semagħhom reazzjoni immedjata ta' gost. Vuċijiet ta' kalibru kbir. Ma dan inżid ninnota bi pjaċir li dawn il-kantanti kellhom preżenza xenika mill-aqwa.

Is-sopran **Sonia Marinova**, li kantat il-parti ta' Leonora, espriniet b'mod elokwenti u mingħajr drammatiċita' żejda, is-sens ta' dieqa u impotenza f'wiċċ sitwazzjonijiet kiefra li sabet ruħha vittma tagħhom. Mogħnija b'timbru li żewwġ flimkien is-saħħa u l-ħlewwa, hi esprimiet is-sentimenti li kellha ġġarrab, bi kjarezza li ssorprendiet li kull min semgħha.

It-Tenur **Rumen Doykov** ma kienx ta' kalibru inqas mis-sopran. Ikkomplementaha perfettament. Dan it-tenur jipposjedi vuċi mimlija fir-reġistri kollha, sabieħa fit-timbru, bi projezzjoni qawwija fin-noti akuti u b'kapaċita' notevoli għall-kant "legato". Dawn il-kwalitajiet urihom speċjalment fir-romanza "Oh tu che in seno agli angeli". Id-dwett ċelebri mal-baritonu "Solenne in quest'ora" ħareġ stupend.

Il-Baritonu Jivko Prantchev, hu figura mondjali fil-kamp liriku. Ikanta fl-aqwa teatri ta' l-opra. Vuċi li malli tismagħha tassoċċjaha mal-baritoni Verdjani. Vuċi potenti u fl-istess ħin mogħnija bl-abbilta' li taddotta sfumaturi skuri. L-interpretazzjoni tar-romanza "Urna fatale" għaġġbet lil kulħadd.

Ta' natura analoga fil-kwalitajiet vokali kienet il-Mezzo-Sopran **Ivanka Ninova**. Dak li impressjona b'mod partikolari f'din il-mezzo-sopran kienet l-estensjoni kbira ta' l-iskala vokali u l-omogeneita' tat-tonalita', is-sbuħija u l-qawwa tal-vuċi tagħha.

Il-figura ta' Fra Melitone kienet interpretata minn **Mladen Mladenov.** Dan ħadem il-parti tiegħu bl-ispirtu komiku rikjest u l-kapaċitajiet teatrali tiegħu qalgħuh ferm fl-esekuzzjoni tal-partitura mużikali.

Is-Sopran Rosabelle Pavia u t-Tenur Arthur Micallef taw sehem validu ħafna fil-partijiet ta' Curra u Trabuco rispettivament. Dawn l-artisti lokali kienu mħarrġin tajjeb u nterpretaw il-partijiet tagħhom b'delikatezza u eżattezza. Iż-żewġ kantanti lokali kellhom timbru ċar u ngħaqdu tajjeb ħafna fis-"sound-scope" li nħoloq mill-artisti barranin.



F'din l-opra, bħal fl-opri l-oħra kbar ta' Verdi, il-kor hu protagonist mhux inqas mill-protagonisti singoli. Il-Kor tat-Teatru Astra, li f'rappreżentazzjonijiet memorabbli li saru f'dan it-Teatru bħal "Aida" u "Norma" dejjem qala' tifħir għar-rendiment tiegħu, kien imħarreġ minn **Maria Frendo.** Ir-riżultat eċċellenti jiched għall-kompetenza li biha sar dan it-taħriġ.

Il-kor kien eċċellenti fl-eleganza tat-timbru. Kien timbru li wieħed jassoċja ma' korijiet ta' l-opra professjonali. F'din l-opra partikolari ħoss provinċjali ma kienx ikun tollerabbli. Ma nistax ninsa l-esekuzzjoni tal-"preghiera", "La Vergina degli angeli". Kien mument privileġġjat tal-lirika fi ġziritna. Haqqu "Prosit" il-kor u ħaqqu prosit ukoll min ħa ħsieb it-taħriġ tiegħu.

L-orkestra tat-Teatru, li l-'leader' tagħha kien **Joachim Atanassov**, kienet kif ġa ndikajt, taħt id-direzzjoni ta' **Joseph Vella.** Għal darba oħra Mro Vella ta' xhieda tas-sensibilita' mużikali raffinata tiegħu u ta' l-attenzjoni li jagħti għad-dettalji fi-qari tal-partitura. Ta xhieda mill-ġdid tal-kapaċita' straordinarja li għandu li jikkomunika b'mod effettiv ma' l-orkestra u mal-kast kollu.

Id-direzzjoni artistika kienet f'idejn Joe Friggieri. Il-Prof. Friggieri kien responsabbli wkoll mill-ideazzjoni u mid-disinn tax-xeni. Ċertament li li-"stage-crew" ħadem id f'id mar-reġista u jixraqlu jaqsam mieghu t-tifħir misthoqq. Prosit ukoll lil Mamwel Grima u George Farrugia li ħadu ħsieb il-vestjarju. L-"ensemble" ta' Alison White pprovda siltiet ta' danzi fl-ewwel xena tat-tieni att u waqt it-"Tarantella". Iż-żfin kien esegwit bi preċiżjoni, briju u klassi.

Nikkonkludi billi nesprimi s-sodisfazzjon tiegħi u ta' kull min assista għall-opra għall-mod li bih l-Impresa Astra dåħlet għal din l-opra lirika. L-applawsi twal tal-pubbliku u l-kummenti fil-"foyer" bejn att u ieħor jikkonfermaw dan li qed ngħid. Il-"Management" tat-Teatru Astra ħaqqu prosit u ħaqqu wkoll grazzi, għax jien ċert li l-biljett li xtrajna sabiex nassistu għal din l-opra kien jiswa ħafna aktar minn dak li ħallasna għalih. ●

A+M PRINTING LTD. -QALA